VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,487, 20 ta' Ottubru, 2015
Taqsima B

A.L. 338 tal-2015

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2015 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għas-Certificate in Language Proficiency – Cert. Lang. Pr. - u għad-Diploma in Language Proficiency – Dip. Lang. Pr. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Arti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Arti bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(c) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2015 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għas-Certificate in Language Proficiency – Cert. Lang. Pr. - u għad-Diploma in Language Proficiency – Dip. Lang. Pr. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Arti.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Arti;

"il-Bord tal-Istudji" tfisser il-Bord tal-Istudji maħtur mis-Senat għall-qasam ta' studju rispettiv, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord;

"iċ-Ċertifikat" tfisser is-Certificate in Language Proficiency (il-qasam ta' studju msemmi) – Cert. Lang. Pr.; u

"il-Kors għaċ-Ċertifikat" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għas-Certificate in Language Proficiency (il-qasam ta' studju msemmi), kif applikabbli.

"id-Diploma" tfisser id-Diploma in Language Proficiency (il-qasam ta' studju msemmi) – Dip. Lang. Pr. -;

VERŻJONI ELETTRONIKA

"il-Kors għad-Diploma" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għad-Diploma in Language Proficiency (il-qasam ta' studju msemmi), kif applikabbli; u

"l-Università" tfisser l-Università ta' Malta.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f' Ottubru 2015 jew wara.

L-Oqsma ta' Studju

3. L-oqsma ta' studju offruti fi kwalunkwe sena partikolari fil-Korsijiet għaċ-Ċertifikat u għad-Diploma għandhom ikunu ppubblikati mill-Bord fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

4. (1) Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Korsijiet għaċ-Ċertifikat u għad-Diploma, l-applikanti għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul.

(2) L-applikanti għall-Kors għad-Diploma jistgħu jkunu eżentati minn elementi tal-Kors għaċ-Ċertifikat jekk jipprovdu ċertifikazzjoni akkreditata fil-lingwa u jekk jitqiesu mill-Bord tal-Istudji għall-qasam ta' studju li huma kapaċi li jsegwu l-Kors bi profitt.

(3) Il-Korsijiet għaċ-Ċertifikat u għad-Diploma jistgħu jittieħdu flimkien ma' kwalunkwe kors ieħor sal-ewwel grad jew ta' wara l-ewwel grad tal-Università, kemm jekk ikun segwit fuq bażi *full-time* jew fuq bazi *part-time*.

It-Tul tal-Korsijiet

5. Il-Korsijiet għandom jinfirxu kif ġej:

(a) il-Kors għaċ-Ċertifikat: 6 semestri fuq bażi *part-time*; u

(b) il-Kors għad-Diploma: 4 sa 6 semestri fuq bażi *full-time*, wara l-Kors għaċ-Ċertifikat.

Il-Programmi tal-Korsijiet

6. (1) Il-Kors għaċ-Ċertifikat għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 30 krettu ECTS.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(2) Il-Kors għad-Diploma għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 60 krettu ECTS.

7. Il-programmi ta' studju għandhom ikunu ppubblikati wara l-approvazzjoni tas-Senat, normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors.

L-Għotja taċ-Ċertifikat

8. (1) Iċ-Ċertifikat jingħata lill-istudenti li jiksbu l-kretti kollha indikati fil-paragrafu (1) tal-ordinament 6 sakemm dawn ma jagħżlux li jkomplu għall-Kors għad-Diploma.

(2) L-ismijiet tal-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti taċ-Ċertifikat għandhom ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent għad-Diploma

9. (1) Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-iskop tal-klassifikazzjoni tad-Diploma għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fit-taqsimiet studju tal-Kors għad-Diploma kif indikat fil-paragrafu (2) tal-ordinament 6, bil-kretti kollha jingħataw piż indaqs.

(2) L-ismijiet tal-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti tad-Diploma għandhom ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku kklassifikati kif ġej:

Għadda b'Distinzjoni
Għadda b'Mertu
Għadda.